MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**YANA MICALLEF STAFRACE**

Seduta ta' l-4 ta' Ottubru, 2011

Talba Numru. 38/2010

**Ritianne Galea (ID 22288M)**

**vs**

**Kenneth Camilleri**

**It-Tribunal,**

**Ra** li t-TALBA hi formulata hekk:-

Ir-rikorrenti zborsat versu u a beneficcju tal-intimat diversi somom f'diversi okkazzjonijiet li komplessivament jammontaw ghas-somma ta' elfejn disa' mija, disgha u hamsin Ewro u tnejn u tletin centezmu (€2,959.32c) prospett/breakdown ta' liema somma ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

L-intimat accetta illi ghandu jirrifondi din is-somma lir-rikorrenti (f'ammont inferjuri), izda minkejja dan u minkejja li gie interpellat ghal diversi drabi baqa' inadempjenti u ma rrifonda xejn minn din is-somma lir-rikorrenti.

Jghid ghalhekk l-intimat ghaliex dan it-Tribunal m’ghandux:

1. Jiddikjara li l-intimat hu debitur tar-rikorrenti fis-somma ta’ €2,959.32c
2. Jikkundanna lill-intimat sabiex ihallas lir-rikorrenti s-somma €2,959.32c

Bl-imghaxijiet mid-data tal-prezentata ta’ dana l-avviz sa-data tal-effettiv pagament, u bl-ispejjez.

**Ra** r-RISPOSTA hekk:-

It-talba attrici ghandha tigi michuda stante li

1. Kien hemm diversi oggetti li ghadhom fil-pussess ta’ l-attrici u per konsegwenza qed tibbenefika minnhom hi biss;
2. Ma huwiex minnu illi l-intimat kien accetta li jirrifondi l-ammont kif mitlub;
3. L-intimat kien hallas lill-attrici li accettat l-ammont ta’ €573 a saldu tal-pretensjonijiet taghha kollha.

Illi l-intimat jirrizerva li jressaq eccezzjonijiet ulterjuri wara li l-attrici tipprezenta l-prospett taghha kif iddikjarat fit-talba taghha

Bl-ispejjez

**Ra** l-KONTRO TALBA mfissra hekk:-

L-attrici ghandha tigi kkundannata thallas is-somma ta’ elfejn, mitejn u wiehed Ewro (€2,201.00c) rapprezentanti diversi somom ta’ flus f’diversi okkazjonijiet imhallsa mill-intimat a beneficcju ta’ l-attrici.

Bl-ispejjez u l-imghaxijiet legali mid-data tal-prezentata ta’ din il-kontro-talba sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenuta li hija minn issa ngunta in subizzjoni.

**Ra** li l-attrici ghat-talba rikonvenzjonali **wiegbet** hekk:-

1. Illi t-talba rikonvenzjonali ghandha tigi michudha bl-ispejjez, u dana peress illi ma huwiex minnu illi l-intimat hallas is-somom imsemmija minnu fil-Kontro-Talba a beneficcju tar-rikorrenti, kif allegat minnu fil-kontro-talba.
2. Illi certament ukoll illi jekk l-intimat qatt ivversa xi centezmu a favur ir-rikorrenti qatt ma kien hemm xi ftehim bejn il-partijiet li dan il-hlas kellu jigi rifuz lura, jekk xi darba tigi terminat r-relazzjoni ta' bejn il-partijiet. Ghalhekk l-intimat ma jistax illum jippretendi li jigi rifuz xi flus meta qatt ma kien hemm ftehim ghal tali rifuzjoni, u sempliciment ghax intemmet ir-relazzjoni ta' bejn il-partijiet.
3. Salvi eccezzjonijiet ohra.

**Ra** li fl-udjenza tat-23 ta' Settembru 2010 (a fol 15, wara li Dr. Robert Abela ghar-rikorrenti rrileva li l-ammont pretiz ghandu jitnaqqas b'€570.00 stante pagament akkont li sar mill-intimat lir-rikorrenti u in segwitu ghal dan, u fuq awtorizazzjoni tat-Tribunal saret korrezzjoni fl-AVVIZ biex l-ammont mitlub ikun €2930.12c

It-Tribunal laqgha t-talba u l-konvenut ta ruhu b'notifikat. F'dan l-istadju r-rikorrenti pprezentat Dok RG

**PROVI**

A1 Il-kontendenti kellhom bejniethom relazzjoni li damet minn Gunju 2008 sa Ottubru 2009. Qabel din ir-relazzjoni, il-konvenut kellu relazzjoni ma Anna Maria Marmara, "venditrici" fl-att notarili *a fol 24 et seq*, fuq liema att jidhru l-konvenut bhala "il-klijenti u/jew xerrej" u l-genituri tal-konvenut, Emanuel u Anna Camilleri, garanti ghal binhom.

2 F'dan l-att (datat 28.04.2009) insibu self mill-Bank of Valletta lil Kenneth Camilleri ta' €110,489.00c. Insibu garanzija tal-konjugi Camilleri fuq binhom. Fit-tielet lok hemm il-bejgh da parti ta' Anna Maria Marmara lil Kenneth Camilleri ta' nofs indiviz tas-"second floor maisonette bla numru u bl-isem ta' Oklahoma, u li sejjer

jissemma Karishma fi Vjal Cottoner, Fgura". Bejgh bi prezz ta' €55,904.96c

B1 **L-attrici** qalet li kienet tahdem mal-HomeMate u kellha xi €850.00 fix-xahar. F'Jannar 2009 sar qbil bejnha u l-konvenut li l-post li qabel kellu mal-ex tieghu hi kellha tibda thallas nofs il-"loan" lil konvenut u dana bla ma saret xi kitba mal-konvenut jew mal-BOV. Kien hemm il-hsieb li eventwalment nofs il-propjeta' ddur fuqha jew li jinghatawlha lura l-flus f'kaz li tithassar ir-relazzjoni.

2 Hi hallset €1,200.00 fuq il-"loan" u l-bilanc li qed titlob hu, fost hwejjeg ohra, dwar hlasijiet li ghamlet fuq il-car tal-konvenut. Dan kien mehtieg biex il-BOV jaghmel il-"loan" fuq il-flat. Dwar dan hi fadlilha tiehu lura €56.68 kull xahar minn Frar sa Ottubru 2009, i.e. **€510.12** li ma tahomliex

3 Qed tirreklama wkoll **€145** ghal "fittings" li xtrat mill-Homemate ghall-fond tal-konvenut. Oltre dan kienet taghtu **€800** fl-okkazjoni li l-konvenut kien ghamel il-"loan". Ftit qabel ma ntemmet ir-relazzjoni hu mar id-dar t'ommha waqt li hi kienet ix-xoghol u ha envelop li fih l-attrici kellha **€275**. B'kollox **€2,930.12c**

4 Wara li spiccat ir-relazzjoni, kienu qablu li kellu jroddilha lura dan il-"quantum". Fil-fatt ta' envelop b'€572 billi naqqas l-ammont li kien ta' bhala rigali ecc u fir-rigward ta' d-Dok RG esibit mill-attrici (*a fol* 16). Dan juri hekk:-

Suppost ghandi ntik €2773.32 imma peress li inti ghalik li ghamilt mieghek mhux stmat

5 Ghadda biex elenka items b'total ta' €2,201 u halla bilanc dovut ta' €572.32

6 Riferibilment ghal dawn l-items, l-attrici xehdet hekk:-

- Dwar mobile: il-konvenut qatt ma ppretenda li dan ir-"rigal" kien ser jitolbu lura.

- L-istess dwar nuccali tax-xemx.
- L-istess fuq hlas ta’ €100 ghal nuccali tal-vista tal-attrici.
- Meta kien ihallsilha xi card tal-mobile kienet trid tirrifondilu l-ammont u hu kien jirrifjuta. Dan anqas kien jinvolvi l-ammont issa pretiz.
- Dwar sigaretti, qatt ma ried hlas taghhom u, se mai, kienu jixtru lil xulxin.
- Dwar hsara fil-car tal-intimat, veru li din kienet tatha daqqa izda ma tippretendix li l-hsara kienet tammonta ghal €200.00c
- Dwar €700 ta’ “takeaways li dejjem hallast jien, hrug u Ghawdex” l-attrici qalet “kif kien ihallas hu kont inhallas jien” u gie li hallas missierha
- Hi gieli taghtu rigali wkoll.

C1 **<u>Il-konvenut</u>** qal li l-fond kien qabel fuq ismu u fuq it-tfajla ta’ qabel l-attrici u meta beda r-relazzjoni ma din il-fond akkwistah kollu hu (ara kuntratt ga msemmi). Il-“loan” fuq l-ewwel nofs tal-propjeta kienet ga nqatghet.

2 Qal, riferibilment ghax-xhieda tal-attrici “fejn hi qed tghid li kienet qed tghaddili €200 fix-xahar kif ukoll il-*loan repayment* ta’ cirka €700” cahad li rcieva dan.

3 Ammetta li kellu “loan” mill-BOV fuq il-car. Din inqatghet u minflok harget “loan” mill-HSBC, ta’ €156 fix-xahar, fuq isem l-attrici li pero kien ihallashom hu.

4 L-attrici qatt ma taghtu t-€800 li semmiet. Jaf li kienet xtrat affarijiet ghad-dar u dwar il-valur taghhom “hemm qeghdin”. Ammetta li lill-attrici kien hadilha envelop li kellu fih €275 pero hu kien ta, meta spiccat ir-relazzjoni, €570 biex tkopri l-flus tal-envelop u l-oggetti li halliet fid-dar.

5 Rigward dak mitlub fil-kontro-talba qal li meta hassru kienet taghtu daqqa ta’ karozza u fir-rigward esibixxi l-*VAT receipt* esebita pag 50 – 51.

6 In kontro-ezami, dwar id-Dok *a fol 16* ikkonferma l-awtenticita' tieghu u li sar f'Novembru 2009, qal li l-attrici ma accettatx il-bilanc ta' €572.32 li hemm fid-Dok RG ghax riedet is-somma kollha. Hu ta' bilanc biex jaqtghu fil-qasir "Hi harget ammont jiena hrigt l-ammont l-iehor u bil-bilanc kont kuntent". Accetta b'raghbja u biex jaghlaq.

**KONSIDERAZZJONIJIET**

It-TRIBUNAL iqis kif gej

1. L-ewwel osservazzjoni tat-TRIBUNAL hi li hawn ghandna biss ix-xhieda tal-kontendenti. F'dan ir-rigward it-TRIBUNAL ihossu komdu li x-xhieda nstemghu mill-GUDIKATUR li qed jghaddi ghal dawn il-konsiderazzjonijiet u ghal dina s-sentenza ghax ix-xhieda *viva voce* fil-presenza ta' min ghandu jiggudika ma tistax tigi sottovalutata.

2. It-tieni punt jirrigwarda precizazzjoni. Fl-udjenza tat-23 ta' Settembru 2010 l-attrici irriduca t-talba originali ta' €2,959.32 b'€570. Dan iwassal ghal €2,259.32 u mhux ghal €2,930.12 kif hemm imizzel fil-verbal relattiv.

3. It-TRIBUNAL jaghti mportanza kbira, anzi decisiva, lid-Dok RG, kitba tal-konvenut stess. F'dan id-dokument, il-konvenut hareg bhal speci ta' karta bilancjali li fiha **ammetta** li hu kien debitur ta' l-attrici fis-somma ta' €2,773.22 izda ppretenda li l-attrici kellha ttih €2,201.00 kif minnu spjegat fl-istess dokument u allura l-bilanc minnu dovut kien ta' €572.32. Dan l-ammont jaqbel sew mal €570 (ga msemmija) imnaqqsa, fl-udjenza tat-23 ta' Settembru 2010. L-attrici qatt ma tista tircievi *ultra petita*, jigifieri €2,230.12c.

4. Fir-rigward tal-*items* imsemmija fid-Dok RG, tnehhi €200 hsara kagunata mill-attrici fil-car tal-kovenut meta dawn ga kienu "kisruha", l-ohrajn it-TRIBUNAL ihoss li mhumiex dovuti. Dawn jirrispettaw kumplimenti maghmula u li jaghtu soddisfazzjoni fihom innifishom waqt li tkun ghaddejja relazzjoni bejn koppja. Fuq kollox, ma tkunx parti wahda fir-relazzjoni li tohrog flus izda jkunu z-

zewg partijiet. Hu minn dawl id-dinja li guvnott li johrog xi haga lil tfajla ikun qed jaghmel gest li jaghti pjacir **<u>lilu</u>** daqskemm jaghtu pjacir **<u>lilha</u>** u l-istess meta l-ghotja jew kumpliment isiru mit-tfajla lill-guvni. Ma tistax "issejjah lura" pjacir ghax dan jitgawda u jissoddisfa kompletament meta jsehh. It-TRIBUNAL ihoss li hekk hu xieraq (anke mil-lenti tal-ekwita' li, statutorjament ghandha tiggwidah) li ghandu jhares lejn l-affarijiet fil-kaz prezenti. Bl-eccezzjoni tal-hsara fil-car li, ovvjament ma tinkwadrax ruhha f'dana r-ragunament.

5. In vista ta' dak kollu meqjus hawn fuq it-TRIBUNAL jghaddi biex jaccetta t-talba attrici fl-ammont ta' elfejn, mitejn, disgha u hamsin Ewro tnejn u tlettin centezmi (€2,259.32) u jaccetta l-kontro-talba fl-ammont ta' €200.

Hu floku li tigi hawn citata osservazzjoni tal-Qorti tal-Appell (Inferjuri) f'sentenza recent "Il-Pulizija vs Piu Attard" deciza fit-13 ta' Lulju 2011 *per* Prim Imhallef Dr. Silvio Camilleri li "*Il-fatt li jkun hemm konflitt ta' provi ma jwassalx necessarjament ghall-konkluzzjoni li ma jistax jinghad li l-htija giet pruvata. Jekk wara li jsir l-apprezzament tal-verzjonijiet kontrastanti l-Qorti tasal biex taghti affidament lil dik il-verzjoni li tkun tinkrimina lill-imputat filwaqt li tasal biex tiskarta dik il-verzjoni li tkun ittendi li tiskolpa lill-imputat allura l-konflitt fil-provi jigi eliminat u tipprevali dik il-verzjoni li tinghata affidament u tkun twassal ghall-htija tal-imputat.*" Ghalkemm f'sede kriminali, dik l-osservazzjoni tapplika dejjem wara li wiehed iqis li f'sede civili l-prova bizzejjed li l-Qorti tasal ghaliha fuq bazi ta' probabilitajiet.

It-TRIBUNAL jiddeciedi hekk:-

i) Jaccetta t-talba attrici fl-ammont ta' elfejn, mitejn, disgha u hamsin Ewro tnejn u tlettin centezmi (€2,259.32) u jichadha in kwantu ghall-bqija.
ii) Jichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut hlief li fl-ilqugh tat-talba attrici qed jittiehed kont tar-riduzzjoni tal-quantum originarjament mitlub u dana kif sussegwentement mitlub mill-istess attrici.

iii) Jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici €2,259.32 sa tlettin gurnata mil-lum u f'kaz ta' nuqqas jibda jiddekorri l-imghax mill-31 jum 'l quddiem sal jum tal-pagament effettiv.
iv) Spejjes ghandhom ikunu supportati hamsa u ghoxrin fil-mija mill-attrici u hamsa u sebghin fil-mija mill-konvenut.
v) Jaccetta l-kontro-talba limitatament ghall-quantum ta' €200 u jichadha ghall-bqija.
vi) Jikkundanna lill-attrici thallas lill-konvenut €200 fi zmien 30 jum mil-lum b'dana li wara l-31 jum jibda jiddekorri l-imghax sal-jum tal-pagament effettiv.
vii) Spejjes tal-kontro-talba ikunu supportati in kwantu ghal parti wahda minn ghaxra mill-attrici u disa partijiet minn ghaxra mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------